MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 140/2015

**The Performing Right Society Limited ta' Londra lokalment rapprezentata mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited (C-7692)**

**Vs**

**Entertainments Limited (C-25687)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi:

Is-Socjeta' konvenuta ghandha thallas is-somma ta' elf, seba' mija sebgha u sittin Ewro u sittax-il centezmu (€1,767.16c) kwantu ghal elf, erba' mija sebgha u disghin Ewro u sittin

centezmu (€1,497.60c) royalties u mitejn, disgha u sittin Ewro sitta u hamsin centezmu (€269.56c) taxxa fuq il-valur mizjud dovuti bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru. 13300 "Dok A" mahrug mis-Socjeta' rikorrenti a favur tas-Socjeta' ntimata, li permezz taghha l-istess Socjeta' ntimata qeghda tigi moghtija d-dritt li tesegwixxi fil-pubbliku muzika tutelata bid-drittijiet tal-awtur ossia "copyright" fl-istabilliment FUEGO San Giljan skont prospett anness u mmarkat "Dok B".

Is-Socjeta' rikorrenti qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas relattiv.

Is-Socjeta' ntimata ngunta permezz tar-rapprezentant taghha sabiex tidher in Subizzjoni.

Bl-ispejjez.

Ra mill-atti illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta' Gunju, 2015 mill-Prokuratur Legali Josette Attard u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, seba' mija sebgha u sittin Ewro u sittax-il centezmu (€1,767.16c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------